MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 99/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Philip Camilleri talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax- xhur ta' Ġunju 2011, Lulju 2011 u Awwissu 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Maria Rosaria Camilleri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemi Philip Camilleri hati u kkundannatu xahar prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Philip Camilleri ppreżentat fis-27 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirrevoka l-piena u timponi fuqu piena aktar ekwa fiċ-ċirkostanzi prevalenti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jgħid illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa dejjem onora l-obbligazzjoni tiegħu u li huwa ammetta fi stadju bikri.

**6.** Kwantu għal jekk hux dejjem onora l-obbligazzjoni tiegħu, biżżejjed wieħed jeżamina l-fedina penali aġġornata ta' l-appellant biex isib illi minn hemm jidher, almenu *prima facie*, illi l-appellant kellu mhux anqas minn erbatax-il kundanna minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment. Għal dak li jirrigwarda l-ammissjoni bikrija, skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** Fil-mori ta' dan l-appell, pero`, l-appellant ħallas il-manteniment minnu dovut għax-xhur in kwistjoni. L-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura tagħha, rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament.”**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur millum. Din il-qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------